**13 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Anne McKenna Mintoff *pro noe*

*versus*

Constantino Caruana *et*

**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili - Sentenza Parzjali - Appell Minn**

*Fit-termini ta' l-artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, meta diversi kwistjonijiet fl-istess kawża jiġu deċiżi b'ġudizzju separat, ir-regola hija li jkun hemm appell minn dik is-sentenza biss wara l-ġudizzju finali. Hemm eċċezzjoni li tippermetti li jsir appell minn sentenza parzjali qabel ma jkun hemm is-sentenza finali fil-meritu purchè jiġi ottenut qabel il-permess tal-Qorti li tkun tat dik is-sentenza parzjali. Iema permess irid jinqara bil-miftuħ fil-Qorti. Skond il-proviso ta' l-imsemmi artikolu, paragrafu (1), it-talba għal tali permess trid issir jew verbalment immedjatament wara li tkun ingħatat dik is-sentenza parzjali jew permezz ta' rikors fi żmien sitt ijiem mid-data li fiha tkun ingħatat l-istess sentenza.*

*Il-konvenuti appellanti, la għamlu talba verbali mmedjatament wara li ngħatat is-sentenza parzjali li minnha llum hemm appell, kif anqas ma pprezentaw rikors fi żmien sitt ijiem mid-data ta' dik is-sentenza, kif jirrikjedi l-istess paragrafu.*

*Il-konklużjoni ta' dan ovvjament huwa illi l-vot tal-liġi kif ikkontemplat fil-paragrafu msemmi ta' l-artikolu 231 tal-Kap. 12 ma ġiex osservat.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza parzjali mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 1996, fl-atti ta' din il-kawża, liema sentenza taqra kif ġej:

"L-atturi qed jaġixxu b'dan l-att taċ-ċitazzjoni;

"Illi l-atturi b'att tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion iddatat 8 ta' Mejju, 1986, xtraw mingħand il-Markis Anthony Cassar Desain u oħrajn porzjon art fi Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk, magħrufa bħala l-Cbira u/jew il-Bur ta' San Pietru, liema att pubbliku huwa maqsum fi tlett oqsma tal-kejl rispettivi kull qasam ta': (a) 1085 metri kwadri; (b) 2427 metri kwadri; u (c) 2149 metri kwadri kif jidher mid-dokument A u mappa A1;

Illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw il-parti mill-art fuq imsemmija ndikata fl-annessi pjanti, dokumenti A1 u B1 u kuluriti bl-aħdar u konsistenti f'żewġt iħbula tal-kejl ta' 2437 metri kwadri, bla ebda titolu validu fil-liġi;

Illi l-konvenuti allegaw li din il-porzjon hija proprjetà tagħhom fi proċeduri mibdija quddiem il-Qorti Inferjuri;

Illi dan mhux minnu għax il-konvenuti qegħdin jokkupaw il-porzjon in kwistjoni mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara li l-art in kwistjoni magħrufa bħala tal-Cbira *sive* tal-Kbira jew il-Bur ta' San Pietru, kif fuq deskritta u ndikata fil-mapep A1 u B1 hija proprjetà ta' l-atturi;

Tikkundanna l-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgumbraw mill-art fuq indikata u b'hekk jirrilaxxaw il-pussess f'idejn l-atturi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inkluż ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju, 1991";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi. Il-konvenuti eċċepew hekk għal dawn it-talbiet attriċi;

"Illi qabel xejn l-attriċi li qiegħda tidher għall-attriċi l-oħra għandha tesebixxi l-prokura għall-prova tal-mandat;

Illi jispetta lill-atturi li jippruvaw:

Li għandhom dritt jesperixxu l-azzjoni minnhom intentata;

Li, mingħajr preġudizzju tal-premess, l-artijiet li xtraw huma dawk posseduti mill-esponenti;

Li, subordinatament, il-vendituri ta' l-artijiet kienu l-proprjetarji ta' l-għelieqi u bini meta biegħuhomlhom;

Illi qed issir riserva għall-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilità tad-dokumenti esebiti maċ-ċitazzjoni li ma kinux reperibbli għall-eżami ta' l-esponent u salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Illi, fi kwalunkwe każ, id-domandi ta' l-atturi għandhom jiġu miċħudin bl-ispejjeż";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenuti fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 1994 - u ċjoè wara li l-Perit Legali nnominat mill-Qorti biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi kien ippreżenta r-relazzjoni tiegħu - ippreżentaw is-segwenti nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri:

"Illi d-dikjarazzjoni ta' l-atturi annessa maċ-ċitazzjoni hija rritwali u għalhekk hija nulla ċ-ċitazzjoni, billi dik id-dikjarazzjoni tivvjola r-rekwiżiti ta' l-artikolu 156 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għaliex mhux minnu li l-fatti *li l-attriċi ddikjarat kienet taf bihom tant illi hija stess* mistoqsija fuq dawk il-fatti xehdet quddiem il-Perit Legali li ma kinitx taf bihom. L-istess jingħad għal nies li ma tafhomx u ċirkostanzi li ma taf xejn fuqhom. Inoltre, dik id-dikjarazzjoni fiha ħafna osservazzjonijiet u argumentazzjoni (ara kliem bħal "qed jiġi rrilevat" fil-pagarafu 14, "kieku ... kienu jemmnu" fil-paragrafu 15, "kisser għal kollox kull argument li jista' jinġieb dwar preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena" fil-paragrafu 16) *u fiha referenza għal ġudikati, ġurisprudenza u denunzji* ta' suċċessjoni. Anke dawn l-attriċi stqarret fid-deposizzjoni tagħha li lanqas kienet taf bihom";

Ikkunsidrat:

Il-Qorti trid qabel xejn tiddeċidi din l-eċċezzjoni dilatorja illi jekk mogħtija b'suċċess tidderimi l-azzjoni. Il-konvenuti qed jeċċepixxu n-nullità taċ-ċitazzjoni għaliex id-dikjarazzjoni

ġġuramentata ta' l-atturi hija rritwali u mhux konformi mar-rekwiżiti ta' l-artikolu 156 (3) tal-Kap. 12. Dan fuq dawn ir-raġunijiet:

Li l-fatti ġġuramentati ma kinux magħrufa mill-persuna li kkonfermat id-dikjarazzjoni u ċjoè mill-attriċi McKenna Mintoff;

Li d-dikjarazzjoni tirreferi għal ċirkostanzi u premessi li l-istess attriċi ddikjarat li ma kienet taf xejn dwarhom;

Li d-dikjarazzjoni fiha osservazzjonijiet u argumentazzjoni ta' indole legali, referenza għall-ġurisprudenza, liġi u denunzji ta' suċċessjoni li mhux biss mhumiex ammissibbli f'dikjarazzjoni tal-fatti imma ukoll li l-attriċi stqarret li ma kienet taf xejn bihom;

L-atturi jissottomettu illi din l-eċċezzjoni ulterjuri hi waħda frivola u vessatorja maħsuba biex ittawwal il-proċeduri. U għandhom raġun;

Ikkunsidrat:

Is-subinċiż 3 ta' l-artikolu 156 tal-Kap. 12, jipprovdi li fil-Qorti Superjuri l-attur għandu, flimkien maċ-ċitazzjoni, jippreżenta dikjarazzjoni f'paragrafi enumerati li jkun fiha miġjuba biċ-ċar il-fatti kollha rilevanti għall-kawża u li tiddeskrivi kull fatt f'paragrafi nnumerati separatament sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu "u jiddikjara ukoll liema fatti huwa jaf bihom personalment". Dan is-subinċiż ikompli hekk: "Din id-dikjarazzjoni għandha jew tkun ikkonfermata bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur jew li magħha l-attur ... jannetti affidavit **li fih jikkonferma l-fatti kollha li jsostnu t-talba tiegħu** filwaqt li jiddikjara **liema fatti huwa jaf bihom**

**personalment"**. Hu immedjatament ovvju illi fid-dikjarazzjoni ġġuramentata l-attur għandu jiddikjara l-fatti kollha in sostenn tat-talba tiegħu u għandu jiddikjara **liema minn dawn il-fatti** hu jafhom *di scienza propria*. Dan ifisser illi mhux biss ma tokkorri l-ebda nullità jekk l-attur jiddikjara fatti li hu jafhom b'tali mingħand ħaddieħor jew minn ċirkostanzi oħra imma hu anzi mistenni li hekk jagħmel in sostenn tat-talba tiegħu basta jiddikjara liema fatti minn dawk minnu ddikjarati jkun jaf personalment. Dana għar-raġuni ovvja illi dik id-dikjarazzjoni ġġuramentata tista' sservi ta' prova biss għal dawk il-fatti li l-attur jiddikjara li jaf personalment u mhux għaliex qalhomlu ħaddieħor. Altru allura li ma hemm l-ebda nullità mill-fatt biss li l-attriċi - kif għamlet b'mod pjuttost ovvju u b'nuqqas ta' preparazzjoni tal-każ tagħha stess - iddikjarat anke ripetutament li ċerti fatti minnha ddikjarati bil-ġurament fid-dikjarazzjoni li ġiet ippreżentata ma' l-atti taċ-ċitazzjoni ma kinitx tafhom personalment;

Għandu jingħad ukoll li mhux il-fatti kollha minnha ddikjarati saret taf bihom tramite ħaddieħor. Hemm diversi fatti li hi tafhom *di scienza propria* u dawn huma fatti bażilari, neċessarji għall-azzjoni minnha proposta. Fost dawn il-fatti hemm dak li l-attriċi kienet akkwistat il-proprjetà meritu tal-kawża fil-kuntratt minnha indikat fid-dikjarazzjoni ġġuramentata tagħha. Il-kuntratt effettivament iffirmatu hi u oħtha. Hi taf ukoll li t-titolu tagħha kien qed jiġi kkontestat anke jekk ma kinitx taf bi preċiżjoni minn min u taħt liema pretensjoni. Kienet taf ukoll fejn hi l-art għax marret fuqha ma' oħtha l-attriċi l-oħra. Taf li nbiegħet parti minnha anke jekk ma għarfitx tispjega liema parti. Taf ukoll *di scienza propria* illi kien hemm diversi proċeduri ġudizzjarji anteċedenti għal dawn dwar l-istess proprjetà. Dana kollu bħala eżempju. Hemm ukoll ċertament ħafna fatti oħra speċjalment fir-rigward tal-provenjenza ta' l-art u t-titolu ta' l-atturi li mhumiex u ma kinux magħrufa lill-attriċi McKenna Mintoff personalment meta

kkonfermat bil-ġurament *id-dikjarazzjoni taghha u dan hu* naturali u ovvju li hekk ikun. Ċertament però li l-ġurament taghha hu korrett u *jikkostitwixxi prova fir-rigward* ta' dawk il-fatti li hi kienet taf personalment. F'kull każ żgur li ma tokkorri l-ebda nullità tad-dikjarazzjoni ghax kif inghad il-liġi tipprevedi li din ikollha kemm elementi ta' fatt maghrufa lid-dikjarant personalment kif ukoll ohrajn li ma jkunux. Jekk id-dikjarazzjoni ġġuramentata tippekka f'xi dettalji hu forsi li l-attriċi McKenna Mintoff ma tispeċifikax bi preċiżjoni liema *minn dawn il-fatti minnha ġġuramentati in sostenn tat-talba* taghha kienu maghrufa lilha personalment. Nuqqas li però ma jimporta l-ebda nullità u *jista'* dejjem *jiġi rettifikat*;

Il-Qorti nfatti ghandha *kull dritt li f'kull waqt fil-kawża* qabel is-sentenza tordna kemm is-sostituzzjoni ta' xi att jew ukoll tippermetti *tibdil fl-iskritturi* kemm biex "jissewwa kull żball jew billi jiddahhlu hwejjeġ ohra ta' fatt jew ta' dritt" anke permezz ta' nota separata dan "sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sostanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża" (artikolu 175 (1) tal-Kap.12). Din il-Qorti allura f'kull każ ghandha l-poter residwali li tordna lill-attriċi li tikkonforma d-dikjarazzjoni ġġuramentata taghha anke fid-dettal mad-dettami ta' *din ix-xorta*, però *ma jidhirx li hu* mehtieġ jew indikat. Dan jinghad waqt li jiġi enfasizzat li f'kull każ, anke kieku kien *mehtieġ, tali intervent, skond* kif jippretendu l-konvenuti biex id-dikjarazzjoni ġġuramentata tiġi *in regola mal-liġi dan* bl-ebda mod ma kien ser ibiddel is-sustanza ta' l-azzjoni jew l-eċċezzjonijiet fuq il-meritu tal-kawża. Meritu li ġie sewwa apprezzat mill-konvenuti, li taw l-eċċezzjonijiet taghhom ghat-talbiet kif dedotti li dwarhom ġabu l-provi kollha taghhom u li fuqhom diġà rrelata l-perit innominat mill-Qorti. Kif sewwa rrilevaw l-atturi eċċezzjonijiet ta' din ix-xorta ma kellhom qatt jinghataw f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża *imma kellhom se mai jiġu avvanzati appena l-*fatti li fuqhom huma bbażati jsiru maghrufa lill-konvenuti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom. Tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-meritu";

Minn dik is-sentenza appellaw il-konvenuti permezz ta' rikors ta' appell li permezz tiegħu talbu illi din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni ta' din il-kawża bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi;

L-atturi appellati ppreżentaw risposta ta' l-appell li fiha ndikaw ir-raġunijiet tagħhom għala l-appell tal-konvenuti għandu jiġi respint minn din il-Qorti;

Din is-sentenza, kif stabbilit fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju, 1998, hija limitata għall-eċċezzjoni ssollevata mill-atturi appellati fir-rigward ta' l-appell interpost mill-konvenuti u ċjoè, in kwantu qegħdin jsostnu li l-appell interpost huwa rritu u null billi ma jidhirx li l-appellanti talbu l-kunsens ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti biex jappellaw u dana fit-termini ta' l-artikolu 231 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Meta ġie ttrattat dan il-punt fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 1998, l-avukat difensur ta' l-appellanti ssottometta illi ma kienx possibli għalih li jkollu kopja tas-sentenza appellata fi żmien utili biex jagħmel it-talba lill-Ewwel Qorti għal permess biex jappella u konsegwentement huwa talab seduta stante l-permess ta' din il-Qorti biex l-appell ikun jista' jitkompla. Meta ġie mistoqsi jindika taħt liema disposizzjoni tal-liġi jista' jagħmel tali talba huwa rrisponda li ma hemm xejn fil-liġi li jipprekludi lil din il-Qorti milli takkordaha u tipprosegwi bl-appell odjern. Huwa ssottometta ukoll illi fi kwalunkwe każ il-liġi ma tikkontemplax x'jiġri meta appell isir mingħajr il-permess ta' l-ewwel istanza u jissottometti fir-rigward, li fl-agħar ipotesi, id-

deċiżjoni għandha tkun li l-appell għandu se mai jibqa' sospiż u *mhux jiġi ddikjarat null;*

Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet tal-konvenuti appellanti u tara li hu l-każ illi l-appell jiġi ddikjarat null;

Fit-termini ta' l-artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, meta diversi kwistjonijiet fl-istess kawża jiġu deċiżi b'ġudizzju separat, ir-regola hija li jkun hemm appell minn dawk is-sentenzi biss wara l-ġudizzju finali. Hemm eċċezzjoni li tippermetti *li jsir appell* minn sentenza parzjali qabel ma jkun hemm is-sentenza finali fil-meritu purchè jiġi ottenut qabel il-permess tal-Qorti li tkun tata dik is-sentenza parzjali, liema permess irid jinqara bil-miftuħ fil-Qorti. Skond il-proviso ta' l-imsemmi artikolu, paragrafu (1), *it-talba għal tali permess trid issir jew verbalment* immedjatament wara li tkun ingħatat dik is-sentenza parzjali jew permezz ta' rikors fi żmien sitt ijiem mid-data li fiha tkun ingħatat l-istess sentenza;

Issa huwa paċifiku illi l-konvenuti *appellanti, la għamlu* talba verbali mmedjatament wara li ngħatat is-sentenza parzjali li minnha llum hemm appell kif anqas ma ppreżentaw rikors fi żmien sitt ijiem mid-data ta' dik is-sentenza, kif jirrikjedi l-istess paragrafu;

Il-konklużjoni ta' dan ovvjament huwa illi l-vot tal-liġi kif ikkontemplat fil-paragrafu msemmi ta' l-artikolu 231 tal-Kap. 12 ma ġiex osservat;

Il-konvenuti appellanti fl-ewwel lok qed jippretendu illi għandhom jiġu skużati u għandhom jingħataw rimedju billi ma kienx possibbli għalihom illi jkollhom kopja tas-sentenza fi

żmien utili biex ikunu jistgħu jagħmlu r-rikors imsemmi fl-istess artikolu. Din hija sottomissjoni li timmerita li tiġi skartata peress illi fl-ewwel lok ma hemmx prova ta' dan u fi kwalunkwe każ għal biex jew issir it-talba verbali jew biex isir ir-rikors ma kienx neċessarjament importanti li tkun a disposizzjoni tagħhom kopja tas-sentenza fi żmien dawk is-sitt ijiem imma kien suffiċjenti għalihom li jkunu jafu li ngħatat is-sentenza u li din is-sentenza parzjali kienet kontra tagħhom. Is-sitt ijiem mhumiex ikkontemplati fl-artikolu 231 biex isir l-appell imma biex issir it-talba. Inoltre, ma hemm ebda ndikazzjoni li ma setgħux ikunu jafu bis-sentenza appellata u n-natura tad-decide tagħha;

Imbagħad, kif ingħad, l-appellanti qegħdin jippretendu li minkejja dak kollu li jipprovdi l-artikolu 231 ma hemm xejn fil-liġi li jippreklud̄i lil din il-Qorti milli tagħti l-permess hi biex is-sitwazzjoni tiġi ssanata u jkun jista' jitkompla l-appell;

Huwa veru li ma hemm xejn fil-liġi, però huwa veru ukoll illi talli argument jistultifika għal kollox id-disposizzjoni ta' l-artikolu msemmi billi jirrendih kompletament inutili għall-fini ta' l-ordinament ġuridiku li għalih jagħti anzi prattikament jirrendih inapplikabbli. Dan għaliex bl-istess sottomissjoni jiġi jfisser illi d-diskrezzjoni mħollija mil-liġi f'idejn il-Qorti ta' prim'istanza tiġi njorata kompletament u sostitwita minflok minn din ta' din il-Qorti, mentri in verità din il-Qorti ma għandhiex dik id-diskrezzjoni taħt il-liġi, liema diskrezzjoni hija unikament ta' l-Ewwel Qorti;

Fl-aħħarnett, l-appellanti jissottomettu ukoll illi l-konsegwenza tan-nonosservanza ta' l-artikolu 231 (1) tal-Kap. 12 ma għandhiex tkun in-nullità ta' l-appell, imma s-sospensjoni ta' l-istess. Anke dan l-argument huwa inaċċettabbli għaliex imur kontra l-prinċipju sanċit fl-artikolu 231 (1),

proviso, li jagħmilha ċara illi l-unika eċċezzjoni biex ikun jista' jsir appell qabel is-sentenza finali huwa jekk tiġi osservata l-proċedura hemm stabbilita u ċjoè jekk jintalab u jiġi ottenut il-permess ta' l-Ewwel Qorti. Altrimenti kull appell li jiġi ntavolat mhux skond dik il-proċedura għandu neċessarjament jiġi ddikjarat null u ma jagħmilx sens li wieħed isostni illi jitpoġġa *in limbo* sakemm jiġu tterminati l-proċeduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti u tingħata s-sentenza finali;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti *tilqa' l*-eċċezzjoni msemmija ta' l-atturi appellati u peress illi ma ġiex osservat il-vot ta' l-artikolu 231 (1) tal-Kap. 12, tiddikjara l-appell interpost mill-konvenuti bħala irritu u null u konsegwentement ma tieħux aktar konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku ta' l-istess konvenuti appellanti. L-atti qed jiġu rinvijati lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.